**PRIM’AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 08 ta’ Marzu, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 1129/2017 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**Verdala Jewellers Limited (C-6621)**

**George Borg**

**u**

**Mario u Carmen mizzewgin Borg**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f’zewg kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa datati 29 ta’ Awwissu 1990 (Dok. “A”) u 12 ta’ April 1996 (Dok. “B”) u f’zewg skritturi privati datati 15 ta’ Settembru 1997 (Dok. “C”)

u 24 ta' Gunju 1999 (Dok. "D"), is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjetà Verdala Jewellers Limited.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici tal-intimata socjetà Verdala Jewellers Limited fis-somma ta' sebgha u ghoxrin elf u tlieta u ghoxrin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€27,023.63) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" ta' Verdala Jewellers Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E3") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-28 ta' Novembru 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa datati 29 ta' Awwissu 1990 (Dok. "A") u 12 ta' April 1996 (Dok. "B") u fi skrittura privata datata 15 ta' Settembru 1990 (Dok. "F") u l-konvenut George Borg iggarantixxa flimkien u "*in solidum*" ma' Verdala Jewellers Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Verdala Jewellers Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa datati 29 ta' Awwissu 1990 (Dok. "A") u 12 ta' April 1996 (Dok. "B") u f'zewg skritturi privati datati 15 ta' Settembru 1990 (Dok. "G") u 2 ta' Settembru 1992 (Dok. "H") il-konvenuti Mario u Carmen mizzewgin Borg iggarantew flimkien u "*in solidum*" ma' Verdala Jewellers Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess Verdala Jewellers Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dok. "A", "B", "C", "D", "F", "G" u "H"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti:

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skritturi (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenuti gew interpellati permezz ta' tlett ittri ufficjali datati 24 ta' Gunju 2011, li kopja taghhom qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok "I", Dok. "J" u Dok. "K" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dok. "A", "B", "C", "D", "F", "G" u "H"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti: (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skritturi (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, u

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u *in solidum* bejniethom lis-socjetà attrici s-somma ta' sebgha u ghoxrin elf u tlieta u ghoxrin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€27,023.63) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Account*" ta' Verdala Jewellers Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E1 sa E3") flimkien mal-imghax ulterjuri mit-28 ta' Novembru 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datata 24 ta' Gunju 2011 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, minkejja li gew debitament notifikati, l-intimati baqghu ma ressqu ebda twegiba.

Rat in-nota tas-socjetà Bank of Valletta p.l.c. li permezz taghha l-pretenzjoni giet ridotta ghas-somma ta' €19,312.15 flimkien mal-imghax legali mis-7 ta' Frar 2018 stante pagamenti akkont.

Rat in-nota tal-intimati li biha huma ammettew it-talbiet tal-Bank rikorrenti kif dedotti.

Fid-dawl ta' din l-ammissjoni, ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta; tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-intimati *in solidum* bejniethom, ihallsu lil Bank of Valletta p.l.c. is-somma ta' dstatax-il elf tlett mija u tnax il-Ewro u hmistax-il centezmu (€19,312.15) flimkien mal-imghax legali mis-7 ta' Frar 2018 sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-intimati *in solidum* bejniethom.

IMHALLEF

DEP/REG